MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2003

Numru 16/2002

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Antonio Falzon**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 16 tas-sena 2002, kontra l-akkuzat Antonio Falzon, li bih huwa gie akkuzat talli :

1) Wara li l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta fl-Ewwel Kap illi fil-hamsa (5) t'April tas-sena elfejn u tnejn (2002) ghall-habta tal-hdax u hamsa w erbghin minuta (11.45 am) f'Hal Qormi, hdejn is-Shopwise, Antonio Falzon kellu argument ma martu. Illi l-istess Antonio Falzon kien ilu zmien miksur ma Lourdes Falzon u addirittura kien heddidha li joqtolha. Illi fil-fatt dak inhar, wara li martu Lourdes Falzon ma rieditx tkellmu, hu qabad arma tan-nar u dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Lourdes Falzon jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, spara diversi tiri lejha w laqatha, inkluz

f’ghonqa, izda grazzi ghall-kura medika w cirkostanzi tal-kaz l-istess Lourdes Falzon fortunatament ma mietitx – haga accidentali w indipendenti mill-intenzjoni omicida ta’ Antonio Falzon.  Illi Lourdes Falzon sofriet feriti gravi partikolarment f’ghonqa fejn instabet wahda mill-bullets.

Illi b’eghmilu Antonio Falzon sar hati ta’ tentattiv t’omicidju volontarju (b’arma  regolari) u cioe’ talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car wera dan il-hsieb b’atti esterni w ta’ bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Antonio Falzon, hati ta’ tentattiv ta’ omicidju volontarju (b’arma regolari) u cioe’ talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu.
Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li huwa jigi kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija minn ghoxrin sena sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), 31(1)(a)(b)(i)(ii) 533 tal-Kodici Kriminali jew ghall-kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-imsemmi akkuzat;

2) Wara li l-Avukat Generali f’isem ir-Repubblika ta’ Malta, ppremetta fit-Tieni Kap tal-Att ta’ l-Akkuza illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi indikati fl-Ewwel Kap. tal-Att ta’ l-Akkuza w cioe’ ghall-habta tal-hdax u hamsa w erbghin minuta (11.45 am) tal-5 t’April, tas-sena elfejn u tnejn (2002) f’Hal Qormi, Antonio Falzon ikkommetta delitt kontra l-persuna (konsistenti f’tentattiv ta’ omicidju volontarju fuq il-persuna ta’ Lourdes Falzon).  Filwaqt li kien qed jikkommetti dan id-delitt huwa kellu fuqu arma tan-nar u munizzjoni.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Antonio Falzon sar hati talli fil-hin li ghamel delitt kontra persuna kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar u arma regolari.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Antonio Falzon, hati talli fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar u arma regolari.
Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghall-zmien mhux izjed minn sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 26(a), 19 u 27 tal-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) u fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jew ghall-kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat il-verdett tal-gurati li bih b'seba voti favur u b'zewg voti kontra sabu lill-akkuzat hati tal-akkuza taht l-ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuza u li bih unanimament sabu lill-akkuzat hati tat-tieni kap tal-Att tal-Akkuza;

Tiddikjara lil Antonio Falzon hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli fil-5 t'April, 2002, ghall-habta tal-11.45 a.m. hdejn is-Shopwise Supermarket, Qormi, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu u dana skond l-Ewwel Kap. tal-Att tal-Akkuza;

Tiddikjara lil Antonio Falzon, hati talli fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar u arma regolari, u dana skond it-Tieni Kap. tal-Att tal-Akkuza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Rat il-fedina penali aggornata esebita mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-lum;

Ikkonsidrat

Qieset li l-Prosekuzzjoni w d-difiza qablu li minkejja dak li hemm fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza l-piena minima hija ta' seba' snin prigunerija w dik massima ta' tletin sena w li r-reat taht it-tieni Kap serva bhala mezz ghal fini biex jigi kommess ir-reat taht l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

Qieset mill-banda l-wahda il-verdett dwar it-tentattiv t'omicidju intlahaq b'seba voti kontra tnejn u li w li r-reat taht it-Tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuza ghandu jitqies ghall-fini tal-konkors tal-pieni li serva bhala mezz ghal fini biex jista' jigi kommess ir- reat taht l-Ewwel Kap;
Qieset ukoll iz-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan ir-reat;

Qieset li mill-fedina penali tal-hati ma jidhirx li hu xi persuna ta' kondotta kriminali w li mill- 1974 sas-sena 2001 kien instab hati biss ta' serje ta' kontravenzzjonijiet x'aktarx relatati max-xoghol tieghu;

Qieset ukoll dak li qalet id-difiza li dan kollu gara sforz kemm ma riedx jinfired minn mal-familja tieghu w li kien persuna biezel u ddedikat ghax-xoghol u li hu diga' sofra l-piena tat-telf tal-familja tieghu;

Mill-banda l-ohra l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li r-reat kommess mill-hati kien wiehed mill-aktar serji fl- "ispectrum" tar-reati domestici li l-Qrati huma msejjha minn zmien ghal zmien biex jiddeciedu dwarhom. Pero' iktar minn dan jidher – kuntrarjament ghal dak li ssottometiet id-difiza – li dan ma kienx zball uniku ghaliex il-hati kkommetta dan ir-reat minkejja li ghal darbtejn minn Ottubru 2001 il-quddiem kien gie misjub hati b'sentenzi differenti tal-Qrati tal-Magistrati, u dan in konnessjoni ma incidenti li hu kellu ma martu w/jew uliedu w persuni ohra.

Sussegwentement ghall-kommissjoni tar-reat mertu ta' din il-kawza gie sentenzjat ukoll fuq akkuzi simili ohra kommessi qabel u anki wara dan il-kaz;

Hekk fit-2 t'Ottubru 2001 hu kien instab hati talli fit-30 t'Awissu 2001 kien ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' martu Lourdes Falzon, li hebb kontra l-istess martu li kellu sikkina minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija w talli hedded lill-ibnu w persuna ohra w kiser il-buon ordni w l-paci pubblika w ikkommetta ragjon fattasi kontra bintu Lorraine Falzon u l-Qorti tal-Magistrati kienet sahansitra rabtitu b'garanzija li ma jergax jimmolesta lill-martu w lill-uliedu ghal zmien sena, garanzija li huwa kiser ripetutament u senjatament meta kkommetta d-delitti mertu ta' din il-kawza.

Fis-26 ta' Frar, 2002 kien instab hati talli fl-20 ta' Novembru, 2001, kien kiser il-paci pubblika, insolenta, hedded u hebb ghal ibnu Jason Falzon sabiex idejjqu w jaghmillu hsara.

Fl-24 ta' Jannar, 2003 il-Qorti tal-Appell Kriminali irriformat sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-25 ta' Lulju, 2002 w ikkonfermat il-htija tieghu talli fit-18 ta' Settembru, 2001 u dati ohra immalafama lill-ibnu Jason Falzon u heddu, kiser il-buon ordni u hebb ghall-istess Jason Falzon u insolenta w hedded lil Lourdes Falzon u wehel ghoxrin (20) gurnata detenzjoni minflok xahar detenzjoni.

U fis-16 ta' Settembru, 2003 kien ukoll instab hati mill-Qrati tal-Magistrati talli fl-20 ta' Settembru, 2002 igifieri waqt li kien taht arrest in konnessjoni ma' dan id-delitt, fil-Belt, Valletta, insolenta, hedded u hebb ghall-martu w persuna ohra w ikkagunalhom feriti apparti li qal kliem oxxen u dagha u kiser il-paci pubblika.

Illi minn dan jidher li l-hati mhux biss meta kkommetta dan ir-reat ma tax kaz ta' zewg sentenzi li gja kellu mill-Qorti u sahansitra kiser il-garanzija li kienet imposta fuqu biex ma jimmolestax lill-martu imma addirittura waqt li ghaddejja din il-kawza rega' kkommetta reati simili.

Din il-Qorti ma tistax hlief tqies dan l-agir bhala sfida ghall-ordinament guridiku da parti tal-hati kif del resto issottometiet il-Prosekuzzjoni;

Qieset f'dan il-kaz ukoll li l-vittma ser tibqa tbati minn debbulizza permanenti fis-sahha w fil-funzjoni ta' ghonqha kif ukoll minn konsegwenzi ohra fizici u psikologici.

Qieset ukoll pieni moghtija minn dawn il-Qrati f'reati simili kommessi b'armi.

Rat l-Artikoli 41(1)(a), 211(1)(2),  17 (h), 31(1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 26(a), 19 u 27 tal-Ordinanza dwar l-armi (Kap. 66);

Tikkundanna lill-hati Antonio Falzon ghal piena ta' hmistax (15) il-sena prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien kollu li hu ghamel taht arrest preventiv in konnesjoni ma' dan il-kaz;

Tordna l-konfiska ta' l-arma u l-munizzjoni esebiti;

U fl-ahharnett tordna lill-hati li jhallas l-ispejjes kollha tal-perizji f'din il-kawza ammontanti ghal sitt mija w disa w hamsin lira Maltin u wiehed u tlettin centezmu (LM659.31c) fi zmien gimgha mill-lum u,  fin-nuqqas ta' tali hlas,  dan l-ammont jigi konvertit fi tlett xhur prigunerija ohra skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------